

Brussell, 26 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14536/23

FIN 1084
INST 411
PE-L 41

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	14471/23
Suġġett:	Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 18/2023 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2023

1. Fl-20 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 18/2023, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju¹.

L-għan ta' din il-proposta huwa t-trasferiment ta' ammont totali ta' EUR 13.9 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn mill-Artikolu 03 05 01 (*Kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana (Dwana)*), kif ukoll il-Partiti 03 10 01 01 (*Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi - Leġislazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi*) u 03 20 03 01 (*Proċeduri għall-għoti u r-reklamar ta' kuntratti pubbliċi ta' provvista, xogħlijiet u servizzi*) għall-Partita 02 04 06 11 (*Semikondutturi - Impriża Konġunta taċ-Ċipep*), kif irreġistrat fid-dokument 14471/23.

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

2. It-trasferiment qed jiġi propost sabiex jiġu ffinanzjati l-attivitajiet tal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep, kif previst fil-ftehim politiku li ntlaħaq dwar l-Att dwar iċ-Ċipep f'April 2023.
3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Ottubru 2023.
4. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
 - il-proposta għat-trasferiment tal-appropriazzjonijiet, kif tinsab fid-dokument 14471/23; u
 - l-abbozz ta' ittra fl-ANNESS għal din in-nota.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: Il-President tal-Kunsill

lil: Il-President tal-Parlament Ewropew

kopja: Il-President tal-Kummissjoni

Sinjura,

F'konformità mal-Artikolu 31(4) tar-Regolament Finanzjarju tat-18 ta' Lulju 2018¹, ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprijazzjonijiet Nru DEC 18/2023 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2023.

(Formola ta' għeluq).

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).